MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Numru. 475/2010

**Il-Pulizija**
**[Supretendent Sharon Tanti]**

**vs**

**Graham Agius**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Graham Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 202491(M).

Akkuzat talli fil-15 ta' Mejju 2010, ghall-habta tal-4.30 p.m.:
Waqt li kien fil-komun tal-Fgura Flats, Triq il-Lidna, Fgura, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura gravi fuq Maria Cassar u Doreen Cassar, skont ma ccertifika t-tabib Dr Alfred Grech MD mic-Centru tas-Sahha, Paola, u dan bi ksur tal-Artikolu 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess jew kontrol tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu arma (ponn tal-Hadid) minn fond jew post li jaghmel mieghu, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli wkoll, fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi li ghamel delitt kontra l-persuna ta' Maria Cassar u Doreen Cassar kellu fuq il-persuna tieghu arma (ponn tal-Hadid);

Talli wkoll, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Maria Cassar u Doreen Cassar weggaghhom bi kliem, b'gest jew b'mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll, fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), presjeduta mill-Magistrat Dr A. Demicoli LL.D. b'digriet ta' dik l-istess Qorti datat nhar il-21 ta' Novembru 2008, li bih inghata l-helsien mill-arrest u dan bi ksur tal-Artikolu Nru. 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, imbotta lil Maria Cassar u Doreen Cassar u dan sabiex iweggaghhom jew jinsulentahom u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(l) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Talli wkoll fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Reghhet rat l-ammissjoni tal-imputat a fol 16 tal-process fejn l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Rat li din il-Qorti kienet iddecidiet il-kawza odjerna billi fost l-ohrajn kienet sabet htija u kkundannat lill-imputat fuq l-akkuzi kollha hlief tar-recidiva ui kkundannatu sentenza

sospiza taht l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali appella minn din is-sentenza u konsegwentament il-Qorti tal-Appell rrinvijat lura l-atti lil din il-Qorti biex issemmi l-Artikoli kollha tal-ligi li tahthom instab hati l-imputat u fuq il-protection order imposta lilu.

Illi l-Qorti tal-Appell ma ddecidietx fuq il-quantum tal-piena hekk kif rikjest fl-appell tal-Avukat Generali.

Illi l-Qorti tal-Appell irrinvijat l-atti lura billi qeghdet lill-imputat fil-posizzjoni ezatt wara l-ammissjoni tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li regghet rat l-ammissjoni tal-imputat li rega' kkonfermaha fis-seduta tal-lum ukoll, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha u wara li rat l-Artikoli 216, 218, 252(1), 339(1)(l), 338(dd), 338(m) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 3(a) u 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta stante li t-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt u seba' akkuzi huma assorbiti fl-ewwel akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, b'dan illi l-imputat ghandu jkun taht sorveljanza ta' probation officer tul dan il-perjodu, flimkien ma' multa ta' tlett mitt Ewro (€300) u dan ghall-akkuza numru hamsa (5). Il-Qorti qed tiddikjara li mhix ser timponi l-ebda kundizzjoni ohra imposta taht l-Artikolu 579(2) u dan stante n-natura tal-kaz u stante illi l-imputat ammetta l-akkuzi kollha fi stadju bikri tal-proceduri.

Inoltre, l-Qorti qed timponi wkoll protection order taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 ghall-protezzjoni tal-parte civile Maria u Doreen Cassar liema digriet huwa validu ghal tnax (12) –il xahar dekorribbli mil-lum (digriet anness).

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja ta' Supervision Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------